

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Settembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Icade Promotion SAS, li kienet Icade Promotion Logement SAS vs Ministère de l'Action et des Comptes Publiques**

(Kawża C-299/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 392 – Skema ta' tassazzjoni fuq il-marġni – Kamp ta' applikazzjoni – Trasferiment ta' proprjetajiet immobbli u ta' artijiet għall-iżvilupp mixtrija bil-għan li jinbiegħu mill-ġdid – Persuna taxxabbli li ma kellhiex id-dritt għal tnaqqis meta akkwistat il-proprjetajiet immobbli – Bejgħ mill-ġdid suġġett għall-VAT – Kunċett ta' "artijiet għall-iżvilupp")*

(2021/C 481/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Icade Promotion SAS, li kienet Icade Promotion Logement SAS

Konvenut: Ministère de l'Action et des Comptes Publiques

### Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 392 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li l-iskema ta' tassazzjoni fuq il-marġni tiġi applikata għal tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' artijiet għall-iżvilupp kemm meta l-akkwist tagħhom ġie suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), mingħajr ma l-persuna taxxabbli li tbigħhom kellha d-dritt li tnaqqas din it-taxxa, kif ukoll meta l-akkwist tagħhom ma ġiex suġġett għall-VAT filwaqt li l-prezz li bih il-persuna taxxabbli bejjiegħ mill-ġdid akkwistat dawn il-proprjetajiet jinkludi ammont ta' VAT tal-input li tħallas mill-bejjiegħ inizzjali. Madankollu, barra minn din l-ipoteżi, din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' artijiet għall-iżvilupp li l-akkwist inizzjali tagħhom ma ġiex suġġett għall-VAT, jew minħabba li jinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jew minħabba li huwa eżenti minnha.
- 2) L-Artikolu 392 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li jeskludi l-applikazzjoni tal-iskema ta' tassazzjoni fuq il-marġni għal tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' artijiet għall-iżvilupp meta dawn l-artijiet akkwistati mhux mibnija jkunu saru, bejn il-mument tal-akkwist tagħhom u dak tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom mill-persuna taxxabbli, artijiet għall-iżvilupp, iżda ma jeskludix l-applikazzjoni ta' din l-iskema għal tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' artijiet għall-iżvilupp meta dawn l-artijiet kienu s-suġġett, bejn il-mument tal-akkwist tagħhom u dak tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom mill-persuna taxxabbli, ta' bidliet fil-karatteristiċi tagħhom bħad-diviżjoni tagħhom flottijiet jew it-twertiq ta' xogħlijiet ta' żvilupp li jippermettu l-installazzjoni ta' networks li jservu l-imsemmija artijiet, bħal, b'mod partikolari, networks tal-gass jew tal-elettriku.

<sup>(1)</sup> ĠU C 297, 7.9.2020.

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2021 mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fit-12 ta' Mejju 2021 fil-Kawża magħquda T-516/18 u T-525/18, Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u Engie Global LNG Holding et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-451/21 P)

(2021/C 481/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Appellant: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: A. Germeaux, T. Uri, aġenti, D. Waelbroeck, J. Bracker, avocats)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, L-Irlanda